## IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 29 ta' Mejju 2023**

**Talba numru 52/2023 SFJ**

**AVUKAT MAXINE GATT ( KI 488391 M)**

**vs**

**JOANNE CARUANA (KI 79881 M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-7 ta' Frar 2023 li permezz tiegħu l-attriċi ippremettiet u talbet lil dan l-Onorabbli Tribunal:

- *"Illi l-esponenti pprestat servizzi legali bħala avukat lill-intimata Joanne Caruana, u dana fuq inkarigu mogħti lill-istess esponenti mill-intimata stess;*
- *Illi għal dawn is-servizzi ekkreżi, l-esponenti ħarġet rikjest għall-ħlas konżitenti fil-fattura hawn annessa w immarkatha bħala DOK A u data t-2 ta' Novembru 2022 u mibgħuta lill-istess intimata;*
- *Illi minkejja li hi nterpellatha biex tħallas fid-diversi okkażjonijiet, l-intimata baqgħet inadepjenti;*
- *Illi għalhekk kellu jiġi ppreżentat dan l-avviż".*

Ghalhekk, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

(1) Tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tal-attriċi fis-somma ta' tlett elef, erbgħa w erbgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (Eur 3,044.40) u dana skont fattura datata 2 ta' Novembru 2022, hawn annessa bħala DOK A, maħruġa mill-esponenti;
(2) Tordna lill-intimata tħallas lill-esponenti is-somma ta' tlett elef, erbgħa w erbgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (Eur 3,044.40) u dana oltre l-imgħaxijiet mid-data tal-fattura sad-data tal-ħlas effettiv, bl-ispjejjes tal-odjern proċeduri, salv għal kull provvediment ieħor li dan l-Onorabbli Tribunal juri xieraq u opportun, u bis-subizzjoni tal-intimata.

Rat illi l-konvenuta ġiet notifikata fl-1 ta' Marzu 2023 u ppreżentat ir-risposta tagħha.

Rat ir-risposta tal-istess intimata li ddikjarat illi d-domandi kontenuti fit-talba tar-rikorsi, kif ukoll il-fatti, li fiha hemm allegati w huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes tagħha, għar-raġunijiet hawn taħt indikati u kif aktar ser jiġu ttrattati fis-smigħ tal-kawża.

Rat illi l-ammont imsemmi mhuwiex dovut sal-eċċezzjonijiet ulterjuri bl-ispejjes.

**Provi mressqa w Konsiderazzjonijiet tat -Tribunal**

It-Tribunal, fl-ewwel lok, jara d-dokument li ġie anness mal-avviż tat-talba, fejn hu rendikont tas-servizzi legali li ngħataw lill-intimata, fejn ġew ukoll indikati s-servizzi li tħallsu w is-servizzi wkoll illi baqgħu ma tħallsux.

Skont l-istess dokument, is-servizzi legali li huma ndikati, jinkludu laqgħet fl-uffiċċju, vetting ta' dokumenti, komunikazzjonijiet, riċerka, kif ukoll tfassil ta' skeda w modalita' ta' ħlas, u komunikazzjoni mall-klijenti rigward il-proposta mressqa ta' tmienja w ħamsin elf ewro (Eur 58,000) bħala sehem tagħha mill-wirt tal-ġenituri konjugi Caruana. Dan id-dokument ukoll jinkludi tħejjija w abbozzar ta' ftehim li kellu jiġi ffirmat bejn l-aħwa Caruana u dana sabiex is-sehem riżervat tal-klijenta tal-attriċi jingħadda lill-klijenta permezz ta' installments fuq medda ta' snin.

It-Tribunal ra illi fis-seduta tal-25 ta' April 2023, meta ssejjħet il-kawża, dehret Dr. Nicole Sciberras għall-attriċi, kif ukoll Dr. Martha Mifsud għall-konvenuta preżenti. L-avukat Sciberras ippreżentat ukoll Affidavit tal-attriċi w iddikjarat provi magħluqa.

Xehdet ukoll il-konvenuta Joanne Caruana.

It-Tribunal, wara li sema' l-intimata Joanne Caruana, li spjegat it-tip ta' xogħol li sar u s-servizzi legali li sarulha, fejn ġie osservat illi Joanne Caruana stess ammettiet li kienet ħallset xi servizzi, iżda ma kenitx ħallset xi oħrajn, fejn hemmhekk hi indikat ukoll illi l-ammont għaliha kien eċċessiv.

It-Tribunal jirreferi għan-nota guramentata ta' l_Avukat Maxine Gatt, fejn ippreżentat l-Affidavit tagħha stess.

Fl-Affidavit ta’ Maxine Gatt, ġie ddikjarat li hi pprestat is-servizzi legali lil Joanne Caruana, fuq inkarigu tagħha stess.

- Xehdet u qalet illi hi ħadmet qatigħ għal xhur u cioe’, minn Frar 2022 sa Novembru 2022, sabiex jaslu fi ftehim barra l-Qorti dwar is-sehem dovut lil Joanne Caruan mill-eredita’ tal-ġenituri tagħha;

- Iddikjarat illi Joanne Caruana baqgħet tiddesisti milli tersaq il-quddiem u tgħaddi sehem xieraq lilha;

- Saret riċerka daparti tagħha sabiex tipprova tibni stampa ċara tal-assi w tal-valuri tal-istess assi li kellhom omm u missier Joanne Caruana tul ħajjithom, u dan istante illi ħu Joanne baqa’ jirrifjuta li jforni l-ebda tip ta’ nformazzjoni rigward dan;

- Iddijarat illi l-iskambju tal-proposti w l-indaġni dwar x’hemm u m’hemmx, u x’inbiegħ dam għaddej xhur, il-għaliex illi daparti milli kien hemm reżistenza kbira minn ħu Joanne, il-klijenta wkoll kienet indeċiża fuq x’tip ta’ kumpens xtaqet u x’titlob, aladarba kienet qiegħda tipprova tqarribhom għal ftehim barra l-Qorti u għalhekk kien hemm possibilta’ illi s-sehem riżervat ma jitħallasx fi flus, iżda fi propjeta’, kif baqgħet tinsisti li riedet il-klijenti b’interess partikolari fi propjeta’ fil-Mellieħa li kienet tifforma parti mill-eredita’;

- Iddikjarat ukoll illi apparti l-laqgħat li kellha, il-klijenta kienet ta’ spiss tibgħat komunikazzjonijiet, waħda wara l-oħra, permezz ta’ messaġġi w emails, li l-attriċi kienet tara kif tagħmel u twieġeb mingħajr dewmien, minkejja li ta’ spiss, il-mistoqisijiet li kienet tpoġġilha kienu diġa’ mwieġba;

- Irreferiet ukoll għall-bosta proposti w komunikazzjonijiet mall-kontraparti w diversi laqgħat mall-klijenta, fejn irnexxielha tottjeni, għall-klijenta, somma li tammonta għall-doppju ta’ dan illi kien lest li joffri huwa;

- Iddikjarat ukoll illi fi x’ħin Joanne ikkonfermat illi taqbel ma’ din l-offerta, fasslet, jiġifieri kitbet ftehim f’dan is-sens, bl-inklużjoni wkoll ta’ modalita’ ta’ ħlas, li fasslet ukoll li rat kif għamlet biex takkomoda x-xewqat tal-klijenti;

- Iddikjarat illi bagħtitilha l-kont, fejn indikat xi laqgħat inizijali li għalihom diġa’ kienet imħallsa, iżda ndikat ukoll, sabiex ma jkunx hemm dubju f’dawk li ma tħallsux;

- Ġie osservat ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha fl-istess Affidavit

It-Tribunal ha nota ukoll ta’ l-iskambju ta’ emails li saru bejn l-Avukati, fejn kienu qeghdin jiddiskutu anki proposti ta’ anqas valur u li fl-ahhar waslu ghal proposta finali.

Illi dan it-Tribunal ipprova jara jekk kienux ghadhom jezistu l-'*guidelines*" tal- Kamra tal-Avukati , izda kien jidher illi l-ahhar gwida hija certament skaduta , fis-sens illi hija datata 2008, u ghaddew issa hmistax-il sena! Ghalhekk fil-waqt illi dan it-Tribunal xtaq gwida sabiex ikun korrett u gust, din il-gwida ma tezistix.

Gie osservat ukoll il-fatt illi lanqas sar kontro- ezami tal-affidavit u l-gurisprudenza tghallimna illi la ma kienx hemm kontradizzjoni, hemm kwazi accettazzjoni, izda minn naha l-ohra xorta wahda dan it-Tribunal irid jiddecidi fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Illi ma hemmx dubju illi sar hafna u hafna xoghol minn naha tal-Avukat attrici li jrid jithallas in toto.

Illi l-attrici stess fil-kalkulazzjonijiet taghha, spjegat illi hadmet total ta 25.5 (hamsa u ghoxrin siegha u nofs) il-siegha, li minnhom gia thallsu 4 (erbgha) sieghat.

Fiil-kalkulazzjoni tal-hlas ta' dawn l-erbgha (4) sieghat, ma kienx hemm indikat bil-kemm fis-siegha, u huwa mix-xhiedha tal-konvenuta li hareg illi hija hallset 70 euro kull darba li marret l-ufficju tal- Avukat attrici. Izda l-konvenuta ma spjegatx kemm kienet iddum fl-officju mal-Avukata. Fl-ispjegazzjoni ghal kuntrarju, li huma fid-dettal, hemm indikat illi l-laqghat fl-officju kienu ta' siegha l'wiehed.

Ghalhekk it-Tribunal ikkonkluda illi kienet thallas 70 euro (sebghin Euro) fis-siegha.

L-istess Tribunal kellu d-dubju jekk kelliex titiehed decizjoni ad valorem , izda meta fela n-nota guramentata hass illi l-attrici kien haqqa aktar tithallas bis-siegha, u qabel illi l-konvenuta kellha thallas il- bilanc ta' 21.5 (wiehed u ghoxrin siegha u nofs) li kienu ghadhom pendenti.

Li ma qabilx huwa l-fatt illi l-konvenuta kienet thallas 70 euro fis-siegha u issa hemm indikat 120 euro fis-siegha. **Fl-istess hin it-Tribunal japprezza anki l-fatt illi laqgha fl-ufficju huwa differenti minn servizz iehor bhal per ezempju tfassil ta' skeda u modalita ta' hlas, ricerka mad- Dipartiment tas-Sigurta Socjali, u thejjiqa w abbozzar tal-ftehim li kellu jigi ffirmat bejn l-ahwa**.

Ghalhekk sabiex dan it-Tribunal ikun gust, hass illi kellu jsib hu medja gusta ta' hlas fis-siegha, u fl-opinjoni tieghu dan l-ammont gust kien ta' 90 (disghin Euro) fis-siegha, sabiex jigu koperti tajjeb is-servizzi hawn fuq referuti, li jiehdu piuttost minn aktar hin, hafna aktar impenn minn laqgha.

Ghalhekk, it-Tribunal ikkalkula is-sieghat pendenti, u cioe, 21.5 il-siegha bid-90 (disghin) Euro fis-siegha, li jammontaw ghal Euro 1,935, oltre Euro 348.30 Vat, u ghalhekk total ta' Euro 2,283.30. (Elfejn, mitejn, tlieta u tmenin euro u tlettin centezmu)

**<u>Deċide</u>**

It-tribunal wara li ha in kunsiderazzjoni dan kollu hawn spejgat, kif ukoll fela id-dokumenti kollha prezentati , jilqa it-talba tal-attrici limititament ghas-somma ta' Euro 2,283.30 (Elfejn, mitejn, tlieta u tmenin euro u tlettin centezmu) ,(li jinkludi l-VAT) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' pagament effettiv.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuta.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**